

Brussell, 11 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13064/26

ENV 1060
ENT 219
COMPET 1054
IND 538
SAN 654
CONSOM 258
MI 870
CHIMIE 114
DELECT 146

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6262 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'11.9.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-paraffini klorurati b'katina medja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6262 final.

Mehmuż: C(2026) 6262 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2026
C(2026) 6262 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 11.9.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-paraffini klorurati b'katina medja**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-objettiv tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-pollutanti organiċi persistenti ("POPs") billi jipprojbixxi, jelimina gradwalment malajr kemm jista' jkun, jew jillimita l-manifattura, it-tqegħid fis-suq, u l-użu tas-sustanzi soġġetti għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-POPs ("il-Konvenzjoni"). Waqt it-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret f'Ġinevra, l-Iżvizzera, mit-28 ta' April sad-9 ta' Mejju 2025, ġie deċiż li l-paraffini klorurati b'katina medja (MCCPs) jiġu inklużi fl-Anness A tal-Konvenzjoni b'ċerti eżenzjonijiet speċifiċi. Din id-deċiżjoni għandha tkun riflessa fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021.

Dan l-att delegat jimplimenta d-deċiżjoni SC-12/10 biex l-MCCPs jiġu elenkati fl-Anness A, f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ħejjiet dossier ta' restrizzjoni għall-MCCPs f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-opinjoni tal-Kumitati tal-ECHA għall-Istima tar-Riskji (RAC) u għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) ġew iffinalizzati f'Settembru 2023¹. Dawn l-opinjoni intuwaw bħala bażi għall-kontribut tal-UE għall-proċess xjentifiku tal-Konvenzjoni u għall-pożizzjoni tal-UE fil-Konferenza tal-Partijiet.

Id-Deċiżjoni SC-12/10 tinkludi lista ta' eżenzjonijiet speċifiċi mogħtija skont il-Konvenzjoni, li tkopri l-eżenzjonijiet kollha rrakkomandati fl-opinjoni tal-RAC u tal-SEAC. Il-Konvenzjoni tinkludi eżenzjonijiet mhux irrakkomandati f'dawk l-opinjoni, pereżempju għal diversi użi tal-MCCPs fil-klorur tal-polivinil (PVC) (inklużi fil-wajers u fil-kejbils għall-apparati mediċi u apparati dijanjostiċi *in vitro*), fis-setturi ajruspazjali u tad-difiża u f'ċerti spare parts. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw għas-setturi ajruspazjali u tad-difiża, għall-apparati mediċi u għall-apparati dijanjostiċi *in vitro* u għall-ispare parts. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li jiġu inklużi eżenzjonijiet speċifiċi addizzjonali wara l-kummenti riċevuti matul il-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku, kif spjegat hawn taħt.

Il-Konvenzjoni tistabbilixxi li eżenzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu permessi għal 5 snin, bil-possibbiltà li dawn jiġu estiżi għal 5 snin addizzjonali. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jixraq li l-itwal durata ta' eżenzjoni li tingħata tkun ta' 5 snin u li tiġi indikata l-possibbiltà li din tiġi estiża għal massimu ta' 5 snin addizzjonali, meta jkun meħtieġ.

Fir-rigward tal-limiti tal-Kontaminanti f'Ammonti Traċċa Mhux Intenzjonati (UTC), huwa propost li jintuża l-limitu ta' konċentrazzjoni rrakkomandat fl-opinjoni tal-ECHA (0,1 % skont il-piż). It-tali limitu huwa meqjus li jipprevjoni l-użu intenzjonat u li jkun eżegwibbli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Esperti nnominati minn kull Stat Membru ġew ikkonsultati fil-grupp ta' esperti rilevanti (il-"laqgħa tal-Awtoritajiet Kompetenti (CA) dwar il-POPs") dwar l-abbozz tal-att delegat u tqiesu l-kummenti.

¹ [3de158a7-8ab9-ba32-be7f-0125bb0174d3](https://echa.europa.eu/3de158a7-8ab9-ba32-be7f-0125bb0174d3)

Fid-diskussjonijiet dwar l-ejenkar tal-MCCPs fl-Anness I tar-Regolament dwar il-POPs, waqt il-“laqgħa tas-CA dwar il-POPs”, ħadu sehem ukoll il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-industrija tas-sustanzi kimiċi u s-soċjetà ċivili, u tqiesu l-kummenti.

Barra minn hekk, il-proċess ta' restrizzjoni tar-Regolament REACH għall-MCCPs, li wassal għall-opinjoni tal-RAC u tal-SEAC, inkluda żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi. L-opinjoni tal-SEAC tinkludi valutazzjoni soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji tar-restrizzjoni tar-REACH fid-dossier imħejji mill-ECHA. L-SEAC stima li l-kostijiet tar-restrizzjoni huma ta' madwar 4 biljuni fuq medda ta' 20 sena (fil-maġġoranza tagħhom kostijiet tas-sostituzzjoni tal-MCCPs b'alternattivi). L-SEAC ikkunsidra t-tali kostijiet bħala affordabbli għall-industrija u li ma kien mistenni l-ebda impatt kbir fuq l-impjiegi. Filwaqt li jqis il-kostijiet soċjoekonomiċi u l-benefiċċji soċjoekonomiċi, inklużi l-benefiċċji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-MCCPs, l-SEAC jikkonkludi li r-restrizzjoni, kif immodifikata mis-SEAC, hija l-aktar miżura xierqa madwar l-Unjoni biex jiġi indirizzat ir-riskju.

Twettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att, permezz tal-portal tal-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku, mill-21 ta' Novembru sad-19 ta' Diċembru 2025 u l-kummenti tqiesu kif ġej.

Diversi partijiet ikkonċernati talbu għal bidliet fil-lista ta' eżenzjonijiet speċifiċi, l-aktar biex jinkludu eżenzjonijiet mogħtija fid-deċiżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u biex ikollhom perjodu tranżitorju ġenerali qabel ma tibda applikazzjoni l-projbizzjoni.

Ma huwiex possibbli li jingħata perjodu tranżitorju għall-użi kollha, peress li d-dħul fis-seħħ tal-emenda għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma għall-UE huwa s-16 ta' Diċembru 2026. Madankollu, l-abbozz jinkludi eżenzjoni ta' sentejn għal xi użi limitati li huma koperti minn eżenzjonijiet speċifiċi inklużi fid-deċiżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma, u li għalihom ġiet ipprovduta informazzjoni fil-mekkaniżmu ta' feedback (fowms b'komponent uniku, wajers u kejbils għas-settur tal-kostruzzjoni u kisi reżistenti għall-ilma u għal kontra l-korrużjoni). Waslu ħafna kummenti dwar l-użu tal-MCCPs għall-manifattura ta' fowms b'komponent uniku. Skont il-kummenti riċevuti, l-eżenzjoni speċifika ta' sentejn tidher li hija xierqa għat-tranżizzjoni lejn alternattivi għal fowms b'komponent uniku. It-test tal-eżenzjoni għall-adeżivi, is-siġillanti u t-tejps huwa mmodifikat biex ikun konformi mal-formulazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Xi partijiet ikkonċernati kkummentaw dwar l-impatti tal-projbizzjoni tal-MCCPs fuq ir-riċiklaġġ. Il-Kummissjoni introduċiet eżenzjoni speċifika għar-riċiklaġġ ta' fowms b'komponent wieħed u għall-użu tal-prepolimeru riċiklat f'laned ġodda, għal durata ta' 5 snin. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija tar-riċiklaġġ, hemm bżonn ta' 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni fuq l-użu tal-MCCPs fi prodotti ġodda biex jiġi żgurat li l-MCCPs ikunu ġew eliminati mill-fluss tar-riċiklaġġ. Dan huwa kkomplementat b'rekwiżiti tat-tikkettar biex tkun tista' tiġi infurzata din l-eżenzjoni.

L-MCCPs huma preżenti f'livelli ta' 1-2 % fil-frazzjoni tal-iskart li hija prodotta bħala prodott sekondarju tar-riċiklaġġ tal-metall mill-kejbils u xi partijiet ikkonċernati talbu li jistabbilixxu UTC speċifiku bla limitu ta' żmien għall-materjal tal-plastik irkuprat mir-riċiklaġġ tal-metall mill-kejbils. Din il-frazzjoni tal-iskart tikkonsisti l-aktar minn PVC flessibbli li jista' jkun ikkontaminat b'diversi sustanzi miruta (ċomb, ftalati, paraffini klorurati u ritardanti tal-fjammi oħrajn). Il-materjal irkuprat jintuża l-aktar f'applikazzjonijiet bħall-għamara tat-toroq. Meta jitqies l-approċċ meħud fir-rigward taċ-ċomb fir-restrizzjoni tal-PVC (l-entrata 63 tal-Anness XVII tar-REACH), fejn ma ġie stabbilit l-ebda limitu speċifiku ta' konċentrazzjoni f'PVC irkuprat flessibbli, il-Kummissjoni tqis li l-istabbiliment tal-UTC speċifiku bla limitu ta' żmien f'dan il-każ ma huwiex xieraq. Qed jiġi propost UTC speċifiku ta' 2 % għal sentejn għal dan il-materjal irkuprat, biex l-operaturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw u jsibu

destinazzjoni differenti għall-materjal li ma jikkonformax mal-UTC ġeneriku ta' 0,1 %. Il-UTC speċifiku japplika biss għal ċerti użi speċifiċi tal-materjal irkuprat, kif indikat fil-kummenti.

Xi partijiet ikkonċernati talbu li jistabbilixxu UTC ġenerali ta' 3 % skont il-piż, bħal fid-deċiżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma, jew li jsegwu l-approċċ tal-paraffini klorurati b'katina qasira (SCCPs) (1 % skont il-piż fis-sustanzi u fit-taħlitiet u 0,15 % fil-prodotti). Il-Kummissjoni ma biddlitx il-UTC ġenerali peress li l-opinjoni dwar ir-restrizzjoni tar-REACH ikkonfermat li 0,1 % skont il-piż jista' jinkiseb u jkun eżegwibbli u li hemm metodi analitiċi disponibbli biex jiġi identifikat it-tali livell ta' MCCPs.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jemenda l-lista tas-sustanzi kimiċi fl-Anness I abbażi tal-iżviluppi skont il-Konvenzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-bażi legali tal-att delegat hija l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.9.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-paraffini klorurati b'katina medja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti² ("il-Konvenzjoni") u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila fuq Pollutanti Organiċi Persistenti³ ("il-Protokoll").
- (2) L-Anness A tal-Konvenzjoni fih lista ta' sustanzi kimiċi. Kull Parti għall-Konvenzjoni hija meħtieġa ttiprobixxi s-sustanzi kimiċi fil-lista jew tiegħu l-miżuri legali u amministrattivi meħtieġa biex telimina l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom.
- (3) Waqt it-12-il laqgħa tagħha li saret bejn it-28 ta' April u d-9 ta' Mejju 2025, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, skont l-Artikolu 8(9) tal-Konvenzjoni, iddeċidiet li temenda l-Anness A tal-Konvenzjoni biex tinkludi l-paraffini klorurati b'katina medja f'dak l-Anness b'eżenzjonijiet speċifiċi. L-Unjoni appoġġat l-inklużjoni tal-paraffini klorurati b'katina medja fl-Anness A b'eżenzjonijiet speċifiċi kif deċiż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/868⁴.
- (4) Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, li fiha lista tas-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll, kif ukoll is-sustanzi li hemm elenkati biss fil-Konvenzjoni, jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata wkoll biex tinkludi l-paraffini klorurati b'katina medja.
- (5) Fl-2023, il-Kumitati għall-Istima tar-Riskji (RAC) u għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) (il-"kumitati") tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi adottaw l-

¹ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>.

² ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2006/507/oj>.

³ ĠU L 81, 19.3.2004, p. 37, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2004/259/oj>.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/868 tat-23 ta' April 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tat-talbiet għall-estensjoni ta' eżenzjonijiet speċifiċi u tal-proposti għall-emendar tal-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2025/868, 12.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/868/oj>).

opinjoniġiet tagħhom⁵ dwar dossier ta' restrizzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għal paraffini klorurati b'katina medja skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Kemm l-RAC kif ukoll l-SEAC appoġġaw restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' paraffini klorurati b'katina medja. L-SEAC appoġġa deroga dwar it-tqegħid fis-suq għall-użu fil-fluwidi għax-xogħol tal-metall. Dik id-deroga hija inkluża fil-lista ta' eżenzjonijiet speċifiċi mogħtija skont il-Konvenzjoni bid-Deċiżjoni SC-12/10 tal-Konferenza tal-Partijiet (“Deċiżjoni SC-12/10”) u jenħtieġ li tingħata bħala eżenzjoni wkoll skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 peress li għadha meħtieġa fl-Unjoni. Din tikkonċerna l-użu ta' paraffini klorurati b'katina medja bħala addittivi ta' pressjoni estrema fil-fluwidi għax-xogħol tal-metall użati f'operazzjonijiet ta' xogħol tal-metall “heavy-duty” li huma limitati għal ambjenti professjonali jew industrijali.

- (6) Il-Konvenzjoni tinkludi eżenzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-paraffini klorurati b'katina medja li ma humiex rakkomandati fl-opinjoniġiet tal-kumitati. Dawk l-eżenzjonijiet jinkludu xi użi fis-setturi ajruspazjali u tad-difiża, jiġifieri (adeżivi u siġillanti, tejp użat għal irbit mhux strutturali, kisi u żebgħa intumexxenti għat-tagħmir spazjali u tad-difiża u għall-imballaġġ tiegħu, kisi u żebgħa għat-tiswija ta' tagħmir spazjali u tad-difiża, u għall-użu fil-parts tal-bdil għal dan it-tagħmir). Dawn jinkludu wkoll użi oħrajn fis-settur tad-difiża, jiġifieri żebgħat u kisjiet għall-munizzjon u għall-immarkar tal-munizzjon kif ukoll apparati pirotekniċi tad-difiża użati fil-munizzjoni. It-tali użi ma kinux magħrufin meta ġew adottati l-opinjoniġiet tal-kumitati. Meta jitqies il-perjodu ta' żmien twil meħtieġ biex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni ta' alternattivi għall-paraffini klorurati b'katina medja u għas-sostituzzjoni tat-tali sustanzi għal dawk l-użi fis-setturi ajruspazjali u tad-difiża li huma regolati ħafna, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet jiġu inklużi fir-Regolament (UE) 2019/1021.
- (7) Il-Konvenzjoni tinkludi wkoll eżenzjonijiet speċifiċi għall-użu ta' paraffini klorurati b'katina medja fis-settur mediku u għall-ispare parts li ma humiex irrakkomandati fl-opinjoniġiet tal-kumitati. Dawk l-eżenzjonijiet jinkludu l-użu fil-wajers u fil-kejbils f'apparati mediċi u f'apparati dijanjostiċi *in vitro*. Jinkludu wkoll użi fi spare parts għal (i) vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art u makkinarju użat fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni, fil-forestrija u fil-landscaping, (ii) tagħmir elettriku u elettroniku għall-apparati mediċi u għall-apparati dijanjostiċi *in vitro*, u strumenti għall-kejl, għall-analiżi, għall-manifattura, għall-kontroll, għall-monitoraġġ, għall-ittestjar u għall-ispezzjoni u (iii) applikazzjonijiet ajruspazjali u tad-difiża, u t-tiswija tagħhom. Meta jitqies il-volum limitat ta' paraffini klorurati b'katina medja użati f'apparati mediċi u f'apparati dijanjostiċi *in vitro*, fl-ispare parts u għat-tiswija tal-oġġetti u meta titqies l-importanza li tiġi evitata l-obsolexxenza prematura tat-tali oġġetti, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet jiġu inklużi fir-Regolament (UE) 2019/1021.
- (8) Il-Konvenzjoni tinkludi wkoll eżenzjonijiet speċifiċi addizzjonali għall-użu ta' paraffini klorurati b'katina medja f'setturi oħrajn. F'xi każijiet, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' sentejn għat-tranżizzjoni lejn l-alternattivi. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi

⁵ [3de158a7-8ab9-ba32-be7f-0125bb0174d3](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32015L0001&from=do)

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

inkluża eżenzjoni speċifika għal durata ta' sentejn għall-użu ta' paraffini klorurati b'katina medja fil-klorur tal-polivinil flessibbli fil-wajers u fil-kejbils għas-settur tal-kostruzzjoni, fis-siġillanti tal-polisulfur u fil-fowm tal-poliuretan b'komponent uniku użat fl-aġenti għall-issiġillar tal-bibien u tat-twieqi, u f'kisi reżistenti għall-ilma u f'kisi għal kontra l-korrużjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-riċiklaġġ ta' fowm b'komponent uniku, l-eżenzjoni għall-materjal irkuprat li jkun fih paraffini klorurati b'katina medja użati fl-aġenti għall-issiġillar tal-bibien u tat-twieqi jenħtieġ li tkun valida għal 5 snin.

- (9) Id-durata massima tal-eżenzjonijiet jenħtieġ li tkun ta' 5 snin, bil-possibbiltà li tiġi estiża għal perjodu addizzjonali ta' 5 snin, f'konformità mal-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-eżenzjoni għaż-żebgħat u għall-kisjiet għall-munizzjon u għall-immarkar tal-munizzjon, li għalihom huwa mistenni li se jkunu meħtieġa aktar minn 5 snin biex titlesta s-sostituzzjoni. Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-ħtieġa ta' estensjoni tal-eżenzjoni speċifika biex tħejji għall-Konferenza tal-Partijiet li mistennija ssir f'Mejju 2031, ladarba estensjoni potenzjali tal-eżenzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-paraffini klorurati b'katina medja skont il-Konvenzjoni se jkollha tiġi deċiża waqt dik il-Konferenza tal-Partijiet.
- (10) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1021 jipprojbixxi l-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti. F'dan ir-rigward, l-oġġetti li fihom il-paraffini klorurati b'katina medja u li huma prodotti jew imqiegħda fis-suq skont eżenzjoni stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament u li kienu diġà qegħdin jintużaw fid-data ta' skadenza tal-eżenzjoni rilevanti, huma permessi li jibqgħu jintużaw wara dik id-data.
- (11) Barra minn hekk, f'konformità mad-Deċiżjoni SC-12/10, l-eżenzjoni li tkopri t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' paraffini klorurati b'katina medja f'polimeri u f'lastiku għall-finijiet ta' spare parts għal (i) vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art u makkinarju użat fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni, fil-forestrija u, (ii) applikazzjonijiet ajruspazjali, spazjali u tad-difiża, (iii) tagħmir elettriku u elettroniku użat għall-apparati mediċi u għall-apparati dijanjostiċi *in vitro* u għal ċerti strumenti jenħtieġ li jingħataw sa tmiem il-ħajja operattiva tal-prodotti rilevanti jew sal-31 ta' Diċembru 2041, skont liema jiġi l-ewwel. Il-ħajja operattiva tal-prodotti f'uħud minn daww l-applikazzjonijiet tista' tmur lil hinn mill-2041. It-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ispare parts għat-tali applikazzjonijiet, preżenti fit-territorju tal-Unjoni qabel jew fid-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni rilevanti, jenħtieġ għalhekk li jkunu permessi anke wara dik id-data.
- (12) Id-Deċiżjoni SC-12/10 tistabbilixxi li l-Partijiet li rreġistraw għal eżenzjoni speċifika għall-użu ta' paraffini klorurati b'katina medja għal fluwidi għax-xogħol tal-metall f'ambjenti professjonali jew industrijali b'sistemi ta' ġbir u fil-kisi u fiż-żebgħa għat-tiswija ta' parts tal-bdil u l-użu tagħhom f'tagħmir spazjali u tad-difiża, iridu jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-ħaddiema. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha, dak ir-rekwiżit jenħtieġ li jiġi estiż għall-eżenzjonijiet kollha mogħtija f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, peress li l-eżenzjonijiet mogħtija jistgħu jwasslu għall-emissjonijiet ta' paraffini klorurati b'katina medja u f'konformità mal-oġġettiv tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1021 biex jiġu minimizzati l-emissjonijiet ta' pollutanti organiċi persistenti, jenħtieġ li jiġi introdott rekwiżit biex jiġu minimizzati l-emissjonijiet fl-ambjent mill-użi eżentati kollha.
- (13) Id-Deċiżjoni SC-12/10 thegġegħ lill-Partijiet biex jesiġu li l-manifatturi tal-paraffini klorurati fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom jiżvelaw informazzjoni lill-utenti downstream dwar il-preżenza ta' ċerti kloroalkani lineari C₁₄₋₁₇ fil-prodotti tagħhom. Fl-Unjoni,

jenħtiegħ li t-tali rekwiżit jiġi introdott għall-manifatturi, għall-fornituri u għall-importaturi tal-paraffini klorurati li jenħtiegħ li jkunu meħtieġa jipprovdu lill-utenti downstream l-informazzjoni mitluba fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 1907/2006.

- (14) Sabiex jissaħħu l-applikazzjoni u l-infurzar tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021 fl-Unjoni, jenħtiegħ li jiġi stabbilit valur ta' limitu ġenerali għall-paraffini klorurati b'katina medja li jokkorru bħala kontaminant f'ammonti traċċa mhux intenzjonat fis-sustanzi, fit-taħlitiet u fl-oġġetti.
- (15) Jenħtiegħ li jiġi stabbilit valur ta' limitu speċifiku għall-kontaminant f'ammonti traċċa mhux intenzjonat għal perjodu ta' sentejn għall-paraffini klorurati b'katina medja f'materjal irkuprat mir-riċiklaġġ tal-kejbils u f'oġġetti prodotti b'dak il-materjal, biex ir-riċiklaturi jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw u jiksibu preżenza aktar baxxa ta' paraffini klorurati b'katina medja jew biex isibu destinazzjoni differenti għal materjal li ma jikkonformax mal-valur ta' limitu ġenerali għall-paraffini klorurati b'katina medja li jokkorru bħala kontaminant f'ammonti traċċa mhux intenzjonat. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-paraffini klorurati b'katina medja, u sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-bniedem għalihom, l-użu ta' materjal irkuprat mir-riċiklaġġ tal-kejbils jenħtiegħ li jkun limitat għall-għamara tat-toroq u għall-blokok li jirfdu r-reċinti.
- (16) Għaldaqstant, jenħtiegħ li r-Regolament (UE) 2019/1021 jiġi emendat kif xieraq,
- (17) Sabiex l-emenda tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tapplika fl-istess ħin tad-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Konvenzjoni għall-Unjoni, jenħtiegħ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi ddifferita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' Diċembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.9.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN